KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fil-11 ta' Ġunju 2015 [1]

Kawża C-552/13

Grupo Hospitalario Quirón SA
vs
Departamento de Sanidad del Gobierno Vasco
u
Instituto de Religiosas Siervas de Jesús de la Caridad

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº 6 de Bilbao (Spanja)]

"Talba għal deċiżjoni preliminari — Proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi — Direttiva 2004/18/KE — Artikoli 2 u 23(2) — Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-operaturi ekonomiċi — Servizzi ta' kura tas-saħħa — Obbligu li jiġu pprovduti s-servizzi esklużivament fi stabbilimenti li jinsabu fit-territorju ta' komun speċifiku"

I – **Introduzzjoni**

1. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kuntratt pubbliku relatat mal-provvista ta' servizzi tas-saħħa jistgħu jirrikjedu li dawn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti biss fi stabbilimenti li jinsabu fit-territorju ta' komun speċifiku? Rekwiżit bħal dan jista' jkun iġġustifikat permezz ta' raġunijiet marbuta mal-aċċess għall-kura tas-saħħa u mal-kwalità ta' din il-kura?

2. Dawn id-domandi jirriflettu d-dubji li l-Juzgado de lo Contencioso Administrativo nº 6 de Bilbao (tribunal aministrattiv ta' Bilbao) (Spanja) esprima lill-Qorti tal-Ġustizzja f'kawża li tirrigwarda żewġ sejħiet għal offerti maħruġa mill-awtoritajiet Baski bil-għan li jagħtu kuntratti pubbliċi relatati mal-provvista ta' servizzi marbuta ma' interventi kirurġiċi. Dawn il-kuntratti kellhom jippermettu t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' swali ta' operazzjoni li jinsabu fi sptarijiet privati, għal interventi mwettqa minn tobba impjegati minn stabbilimenti pubbliċi tas-saħħa, bil-għan li titqassar l-istennija għall-intervent.

1 — Lingwa oriġinali: il-Pollakk

II – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

3. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] [2], (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2004/18"), intitolat "Prinċipji fuq l-għoti ta' kuntratti", jistabbilixxi:

"L-awtoritajiet kuntrattwali se jistmaw l-operaturi ekonomiċi ugwali u bla diskriminazzjoni u se jaġixxu b'mod trasparenti."

4. L-Artikolu 21 ta' din l-istess direttiva huwa redatt kif ġej:

"Kuntratti li għandhom bħala l-oġġettiv tagħhom servizzi elenkati fl-Anness II B għandhom ikunu suġġetti biss għall-Artikolu 23 u l-Artikolu 35(4)."

5. Konformement mal-Artikolu 23(2) ta' din id-direttiva:

"Speċifikazzjonijiet Tekniċi għandhom joffru aċċess ugwali għal dawk li jixħtu l-offerti u ma għandux ikollhom l-effett li joħolqu ostakli mhux ġustifikati għal ftuħ ta' disposizzjoni pubbliku għal kompetizzjoni."

6. L-Anness II B tad-Direttiva jsemmi s-"Saħħa u servizzi soċjali" (Kategorija 25).

B – *Id-dritt Spanjol*

7. L-Artikoli 2 u 23(2) tad-Direttiva 2004/18 ġew trasposti fl-ordinament ġuridiku Spanjol permezz tal-Artikoli 101(2) u 123 tal-Liġi 30/2007, dwar il-kuntratti tas-settur pubbliku (Ley 30/2007 de contratos del sector público), tat-30 ta' Ottubru 2007 [3].

III – **Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

8. Il-kawża prinċipali tirrigwarda żewġ proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi li għandhom bħala għan servizzi ta' sptar relatati ma' servizzi ta' kirurġija minuri, ġenerali u diġestiva, ta' uroloġija, ta' ġinekoloġija, ta' trawmatoloġija kif ukoll ta' kirurġija ortopedika u oftalmoloġika. Dawn il-kuntratti pubbliċi ma jirrigwardawx servizzi tal-kirurgu, li huwa impjegat mis-servizz pubbliku tas-saħħa u li għandu jmur l-isptar privat li jibbenefika mill-kuntratt sabiex iwettaq l-intervent kirurġiku.

9. Fil-15 ta' Diċembru 2010, id-Departamento de Sanidad del Gobierno Vasco (dipartiment tas-saħħa tal-Gvern Bask, iktar 'il quddiem id-"Departemento de Sanidad") approva l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tas-sejħa għal offerti Nru 21/2011 fir-rigward tal-ġestjoni tas-servizz pubbliku tal-interventi kirurġiċi għaż-żoni ta' saħħa ta' Vizcaya (żona ta' attività tal-isptarijiet pubbliċi ta' Basurto u ta' Galdakao). Il-valur stmat tal-kuntratt kien jammonta għal EUR 5841041.84.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132, fil-verżjoni tagħha emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2009, tat-30 ta' Novembru 2009 (ĠU L 314, p. 64).

3 — Boletín Oficial del Estado tal-31 ta' Ottubru 2007.

10. Fl-10 ta' Mejju 2011, id-Departamento de Sanidad approva l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tas-sejħa għal offerti Nru 50/2011 dwar il-ġestjoni tas-servizz pubbliku tal-interventi kirurġiċi oftalmoloġiċi. Dan is-servizz jirrigwarda ż-żona ta' attività tal-isptar pubbliku ta' Galdakao. Il-valur stmat tal-kuntratt kien jammonta għal EUR 6273219.53.

11. L-avviżi ta' kuntratt korrispondenti għal dawn iż-żewġ sejħiet għal offerti ġew ippubblikati rispettivament fil-Boletín Oficial del País Vasco (ġurnal uffiċjali tal-País Vasco) fil-31 ta' Jannar u l-14 ta' Ġunju 2011. Il-punt 2(d) ta' kull wieħed mill-avviżi ta' kuntratt kien jindika li l-post ta' eżekuzzjoni tas-servizzi kellu jkun Bilbao.

12. Għaż-żewġ sejħiet għal offerti, il-parti A tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, intitolata "Struttura, tagħmir u firxa ta' servizzi taċ-ċentru", li tirrigwarda r-rekwiżiti minimi, kienet tinkludi l-punt 2 li ġej, intitolat "Lokalizzazzjoni":

"[f]id-dawl tal-ħtieġa li jiġu pprovduti dawn is-servizzi kemm jista' jkun viċin il-pazjenti u l-qraba tagħhom, tad-disponibbiltà u tat-tul tal-vjaġġ bit-trasport pubbliku, kif ukoll tal-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun iċ-ċaqlieq indispensabbli minn post għal ieħor tal-persunal mediku tal-isptarijiet [tas-servizz pubbliku tas-saħħa], iċ-ċentri tas-saħħa proposti għandhom jinsabu fil-komun ta' Bilbao."

13. Grupo Hospitalario Quirón SA (iktar 'il quddiem "Grupo Hospitalario Quirón") huwa proprjetarju ta' sptar ġenerali li jinsab fil-komun ta' Erandio. Mid-deċiżjoni ta' rinviju jirriżulta li l-isptar jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, ħlief fir-rigward tal-fatt li ma jinsabx fit-territorju tal-komun ta' Bilbao, iżda fuq dak ta' komun limitrofu.

14. Fit-13 ta' Settembru 2011, Grupo Hospitalario Quirón ippreżenta rikors quddiem il-Juzgado de lo Contencioso Administrativo nº 6 de Bilbao kontra d-deċiżjonijiet meħuda mid-Departamento de Sanidad fir-rigward tal-avviżi ta' kuntratt relatati maż-żewġ sejħiet għal offerti msemmija iktar 'il fuq. Il-parti kkonċernata kienet talbet b'mod partikolari l-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati u sabiex l-amministrazzjoni inkwistjoni tiġi ordnata tipproċedi għal sejħa għal offerti ġdida li ma tirrikjedix li l-provvisti ta' servizzi jiġu eżegwiti fit-territorju tal-komun ta' Bilbao.

15. L-Instituto de Religiosas Siervas de Jesús de la Caridad, li għandu stabbiliment ta' kura tas-saħħa f'Bilbao, intervjena fil-kawża fil-kapaċità tiegħu ta' konvenut. Dawn il-kawżi ġew magħquda quddiem il-qorti tar-rinviju.

16. Fit-talba tiegħu, Grupo Hospitalario Quirón isostni li l-obbligu li jiġu pprovduti s-servizzi esklużivament fi stabbilimenti li jinsabu fit-territorju tal-komun ta' Bilbao huwa kuntrarju għall-prinċipju ta' ugwaljanza, ta' libertà ta' aċċess għas-sejħiet għal offerti u għall-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza fit-trattament bejn il-parteċipanti, kif ukoll ta' kompetizzjoni libera. Huwa jsostni li, fid-dawl ta' dan l-obbligu, huwa indispensabbli li wieħed ikollu, f'Bilbao, infrastruttura materjali kumplessa li l-installazzjoni tagħha tirrikjedi ż-żmien u investimenti importanti. Dawn l-investimenti ma għandhom ebda ġustifikazzjoni jekk jitwettqu għas-sempliċi għan li jiġu pprovduti s-servizzi suġġetti għas-sejħa għal offerti. L-uniċi operaturi ekonomiċi li jistgħu jipparteċipaw għas-sejħa għal offerti għaldaqstant huma l-isptarijiet li jinsabu f'Bilbao.

17. Grupo Hospitalario Quirón isostni li anki li kieku kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet ta' ċaqlieq minn post għal ieħor tal-pazjenti u tal-kirurgi impjegati mill-isptarijiet pubbliċi ta' Basurto u ta' Galdakao, l-obbligu msemmi iktar 'il fuq ma huwiex ġustifikat, *a fortiori* fil-każ tal-parti kkonċernata, li għandha sptar f'komun limitrofu ta' Bilbao.

18. B'risposta għat-talba, id-Departamento de Sanidad isostni li l-obbligu inkwistjoni ma jillimita d-dritt ta' ebda operatur ekonomiku milli jipparteċipa fis-sejħa għal offerti, peress li ma huwiex rikjest minnhom li jkollhom installazzjonijiet f'Bilbao, iżda biss li jkunu f'pożizzjoni li jipprovdu servizzi fl-installazzjonijiet li jinsabu f'Bilbao fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt. Id-Departamento de

Sanidad isostni wkoll li l-obbligu li jiġu pprovduti s-servizzi fil-komun ta' Bilbao huwa ġustifikat mill-inkonvenjenzi eventwali marbuta maċ-ċaqlieq tal-pazjenti minn post għal ieħor. Fil-fatt, in-natura radjali tan-netwerk ta' trasport pubbliku taż-żona metropolitana ta' Bilbao tiggarantixxi ċaqlieq sempliċi minn post għal ieħor.

19. Il-qorti tar-rinviju tindika li wieħed ma jistax jeskludi l-fatt li r-rekwiżit inkwistjoni jinvolvi restrizzjoni inammissibbli għall-kompetizzjoni libera fis-settur tal-kuntratti pubbliċi. Hija tosserva li ma jidhirx li dan ir-rekwiżit huwa neċessarju minn perspettiva ta' prattiċità. L-għoti ta' kuntratti li jirrigwardaw il-provvista ta' servizzi ta' saħħa fi stabbilimenti li jinsabu f'komun differenti minn dawk fejn jirrisjedu l-pazjenti hija prassi komuni tal-awtoritajiet tas-saħħa fi Spanja. Barra minn hekk, huwa possibbli li wieħed jaċċedi għall-isptar tal-Grupo Hospitalario Quirón minn Bilbao billi tintuża l-metro jew il-karozza tal-linja, u l-istess traġitt jeħtieġ medja ta' erbatax-il minuta jekk jintuża mezz ta' trasport privat.

20. Skont il-qorti tar-rinviju, għandu jiġi ddeterminat, minn naħa, jekk, f'dan il-każ inkwistjoni, l-obbligu li s-servizz jiġi pprovdut esklużivament fit-territorju tal-komun ta' Bilbao jistax jiġi ġġustifikat mill-għan tal-kuntratt u, min-naħa l-oħra, jekk dan l-obbligu jikkostitwixxix restrizzjoni inammissibbli għall-kompetizzjoni libera, ġaladarba huwa ma jidhirx li huwa ġustifikat fir-rigward tal-għan intiż li jiżgura l-aċċess tal-pazjenti għas-servizzi kkonċernati. B'mod partikolari, fil-fehma ta' din il-qorti, ebda raġuni oġġettiva ma tiġġustifika l-esklużjoni tas-sejħiet għal offerti ta' operatur proprjetarju ta' sptar f'komun limitrofu, meta ż-żmien tat-traġitt bejn il-post ta' residenza tal-pazjenti u l-isptar huwa raġonevoli. Il-qorti tar-rinviju tiġbed ukoll l-attenzjoni dwar il-fatt li l-provvista ta' servizzi ma jirrigwardawx biss lill-pazjenti li jirrisjedu fil-komun ta' Bilbao. Skont il-qorti tar-rinviju, wieħed ma jistax għaldaqstant jeskludi l-fatt li l-obbligu inkwistjoni previst fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħiet għal offerti jikser l-Artikoli 2 u 23(2) tad-Direttiva 2004/18.

21. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº 6 de Bilbao ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Id-dritt tal-Unjoni Ewropea huwa kompatibbli mar-rekwiżit imsemmi fil-kuntratti ta' ġestjoni ta' servizzi pubbliċi tas-saħħa, li skontu l-provvista medika li hija s-suġġett tas-sejħa għal offerti għandha biss tiġi pprovduta f'muniċipalità speċifika, li tista' ma tkunx dik tad-domiċilju tal-pazjenti?"

IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

22. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet ippreżentata quddiem ir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Ottubru 2013. Il-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet talba għal kjarifiki lill-qorti tar-rinviju, li din tal-aħħar wieġbet fil-11ta' April 2014.

23. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-konvenuti fil-kawża prinċipali, mill-Gvern Spanjol kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Id-Departamento de Sanidad u l-Gvern Spanjol talbu sabiex tinżamm seduta. Grupo Hospitalario Quirón, id-Departamento de Sanidad, il-Gvern Spanjol kif ukoll il-Kummissjoni pparteċipaw fis-seduta li nżammet fl-20 ta' April 2015.

V – **Analiżi**

A – *Rimarki preliminari*

24. Il-kawża prinċipali tirrigwarda żewġ proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi dwar il-ġestjoni tas-servizz pubbliku ta' kura tas-saħħa. Mid-deċiżjoni ta' rinviju jirriżulta li l-kuntratti inkwistjoni għandhom bħala għan servizzi ta' sptar sabiex jingħata appoġġ għall-interventi kirurġiċi, fil-kuntest ta' mekkaniżmu partikolari ta' kooperazzjoni bejn is-servizz pubbliku tas-saħħa u l-isptarijiet privati, bil-għan li jitnaqqsu l-listi ta' stennija tal-pazjenti tas-settur pubbliku. Dawn il-kuntratti pubbliċi ma jirrigwardawx is-servizzi tal-kirurgu, peress li l-interventi ser jitwettqu minn tobba li huma impjegati minn sptarijiet pubbliċi u li se jmorru l-isptar privat magħżul fil-kuntest tas-sejħa għal offerti.

25. Id-deċiżjoni tar-rinviju ma tindikax b'mod ċar jekk is-sejħiet għal offerti inkwistjoni jirrigwardawx kuntratti pubbliċi għal servizzi jew konċessjonijiet ta' servizzi, esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18 [4].

26. Madankollu, mill-ispjegazzjonijiet supplimentari ppreżentati fuq it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju, kif ukoll mill-kjarifiki pprovduti mill-partijiet waqt is-seduta jirriżulta li l-proċedura fil-kawża prinċipali tirrigwarda kuntratti pubbliċi għal servizzi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva.

27. Minn dawn l-ispjegazzjonijiet u kjarifiki jirriżulta li l-offerent rebbiegħ huwa remunerat direttament mill-awtorità kontraenti u ma jassumix il-parti essenzjali tar-riskju ekonomiku marbut mal-operat tas-servizzi [5]. B'mod iktar partikolari, hekk kif indika d-Departamento de Sanidad waqt is-seduta, is-servizz pubbliku jibqa' responsabbli għal kull dannu kkawżat lill-pazjenti fl-okkażjoni ta' intervent. Bl-istess mod, il-Gvern Spanjol jenfasizza fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu li, b'mod partikolari fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' dritt nazzjonali ċċitati fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, il-kuntratti pubbliċi inkwistjoni għandhom jiġu kkwalifikati bħala kuntratti ta' servizzi.

28. Għandu jiġi osservat ukoll li l-istima tal-valur ta' kull wieħed mill-kuntratti jaqbeż b'mod kunsiderevoli l-limiti ffissati fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/18.

29. Dawn iċ-ċirkustanzi, li evidentement għandhom jiġu stabbiliti mill-qorti tar-rinviju, jindikaw b'mod ċar li għandha tapplika d-Direttiva 2004/18.

30. Nixtieq nenfasizza, madankollu, li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-operaturi ekonomiċi fil-qasam tal-provvista ta' servizzi, li ser jiġi ttrattat fid-dettall iktar 'il quddiem, japplika wkoll fil-każ tal-għoti ta' konċessjoni ta' servizzi.

31. Minkejja li fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, il-kuntratti ta' konċessjoni ta' servizzi ma jaqgħux taħt id-Direttiva 2004/18, madankollu l-awtoritajiet pubbliċi għandhom l-obbligu – suġġett għall-fatt li l-kuntratt jippreżenta interess transkonfinali ċert – li jikkonformaw ruħhom mad-dispożizzjonijiet fundamentali tat-Trattat FUE u, b'mod partikolari, mal-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE [6]. Barra minn hekk, f'din il-kawża, bħalma jenfasizza l-Gvern Spanjol innifsu fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, jidher li huwa probabbli li l-kuntratti pubbliċi jippreżentaw interess transkonfinali minħabba l-importanza tal-valur stmat tagħhom u tas-sitwazzjoniji ġeografika tal-Pajjiż Bask.

4 — Ara l-Artikoli 1(14) u 17 tad-Direttiva 2004/18.

5 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Contse *et* (C-234/03, EU:C:2005:644, punt 22); Eurawasser (C-206/08, EU:C:2009:540, punti 66 u 67), u Privater Rettungsdienst und Krankentransport Stadler (C-274/09, EU:C:2011:130, punt 37).

6 — Sentenzi Coname (C-231/03, EU:C:2005:487, punt 16), u Privater Rettungsdienst und Krankentransport Stadler (C-274/09, EU:C:2011:130, punt 49). Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2014, dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, p. 1) ma tapplikax f'dan il-każ kemm minħabba t-terminu ta' traspożizzjoni tagħha kif ukoll tad-dispożizzjonijiet tranżitorji li jinsabu fl-Artikolu 54(2) tagħha.

32. Is-servizzi pprovduti fil-kuntest tas-sistema ta' saħħa pubblika, bħal dawk li kienu s-suġġett tas-sejħiet għal offerti inkwistjoni, jaqgħu mingħajr dubju f'dimensjoni soċjali fundamentali.

33. Għandu jitfakkar li kemm mill-Artikolu 168(7) TFUE kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-dritt tal-Unjoni ma jippreġudikax il-kompetenza li għandhom l-Istati Membri sabiex jiżviluppaw is-sistemi ta' saħħa pubblika tagħhom [7].

34. Madankollu, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-Istati Membri ma jistgħux jintroduċu jew iżommu fis-seħħ restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali tas-suq intern. Fl-evalwazzjoni tal-osservanza ta' din il-projbizzjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li s-saħħa u l-ħajja tal-persuni jokkupaw l-ewwel post fost il-beni u l-interessi protetti mit-Trattat, u li huma l-Istati Membri, li għandhom setgħa diskrezzjonali, li għandhom jiddeċiedu dwar il-livell li bih għandhom l-intenzjoni jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa pubblika kif ukoll dwar il-mod li bih dan il-livell għandu jintlaħaq [8].

35. Barra minn hekk, is-sistemi ta' saħħa huma organizzati b'mod differenti ħafna f'kull wieħed mill-Istati Membri u d-dimensjoni transkonfinali tas-servizzi pprovduti fil-kuntest ta' dawn is-sistemi hija limitata.

36. Dawn iċ-ċirkustanzi ttieħdu inkunsiderazzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni, li ddeċieda li s-"servizzi tas-saħħa" kienu jaqgħu taħt il-kategoriji ta' servizzi mhux prijoritarji elenkati fl-Anness II B tad-Direttiva 2004/18 [9].

37. Il-leġiżlatur tal-Unjoni telaq mill-preżunzjoni li dawn is-servizzi ma jippreżentawx, *a priori*, interess transkonfinali u, minħabba f'hekk, ma jaqgħux għalkollox taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva [10].

38. Konformement mal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/18, is-servizzi elenkati fl-Anness II B, li minnhom jagħmlu parti s-"[s]aħħa u servizzi soċjali", huma suġġetti biss għall-Artikoli 23 u 35(4) tad-Direttiva.

39. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/18 ma jeskludix l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali u finali tad-Direttiva, u b'mod partikolari tal-Artikolu 2 tiegħu, imsemmi fid-deċiżjoni tar-rinviju [11].

B – *Fuq ir-restrizzjoni tal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi fir-rigward tal-Artikolu 2 u 23(2) tad-Direttiva 2004/18*

40. Għandu jiġi osservat li kemm l-Artikolu 2 kif ukoll l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2004/18 huma l-espressjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-operaturi ekonomiċi, li jikkostitwixxi wkoll prinċipju ġenerali li jirriżulta mil-libertajiet fundamentali tas-suq intern iddefiniti b'mod partikolari fl-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE. Konsegwentement, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-libertajiet fundamentali tas-suq intern hija rilevanti għall-finijiet tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva msemmija iktar 'il fuq.

7 — Ara s-sentenza Azienda sanitaria locale n. 5 "Spezzino" *et* (C-113/13, EU:C:2014:2440, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

8 — *Ibid.*, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata.

9 — Is-sistema speċifika rriżervata għas-servizzi tas-saħħa nżammet mid-direttiva l-ġdida, b'mod iktar speċifiku d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2014, dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (Artikolu 74 u l-Anness XIV), li ma tapplikax *ratione temporis* għal din il-kawża u, fir-rigward tal-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni, mid-Direttiva 2014/23 (Artikolu 19 u l-Anness IV).

10 — Sentenza Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-507/03, EU:C:2007:676, punt 25). Din il-kwistjoni ġiet analizzata wkoll mid-duttrina: ara Sołtysińska, A., Europejskie prawo zamówień publicznych, LEX Wolters Kluwer, Varsavja, 2012, p. 167.

11 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Contse *et* (C-234/03, EU:C:2005:644, punt 47).

41. Fil-kuntest tal-eżami ta' din il-kawża fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, wieħed għandu madankollu jqis li d-Direttiva 2004/18 twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni tal-operaturi ekonomiċi għas-sitwazzjonijiet interni. Fir-rigward tal-qasam armonizzat mid-dritt tal-Unjoni, l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għall-kuntratti pubbliċi li jaqgħu taħt id-Direttiva ma tinvolvix il-ħtieġa li jiġi kkonstatat element transkonfinali.

42. Konformement mar-regola ġenerali msemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jittrattaw lill-operaturi ekonomiċi b'mod ugwali, b'mod mhux diskriminatorju u għandhom jaġixxu bi trasparenza. Dawn il-prinċipji huma ta' importanza kruċjali fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fid-dawl tar-riskji ta' diskriminazzjoni marbuta kemm mal-għażla tagħhom, kif ukoll mal-mod ta' kif jiġu fformulati [12].

43. Huwa għalhekk li l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2004/18, li jipprovdi r-regoli ta' elaborazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' definizzjoni tar-rekwiżiti li l-awtorità kontraenti tixtieq tinkludi fihom, jgħid li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jippermettu l-aċċess ugwali tal-offerenti u ma għandux ikollhom l-effett li joħolqu ostakoli mhux ġustifikati għall-ftuħ tal-kuntratti pubbliċi għall-kompetizzjoni.

44. F'din il-kawża, ma hemm ebda dubju li l-obbligu li wieħed ikollu stabbiliment ta' kura ta' saħħa f'Bilbao, li jinsab fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi taż-żewġ sejħiet għal offerti kontenzjużi, jista' jagħmilha iktar diffiċli għal operaturi eknomiċi potenzjali li ma jkollhomx tali stabbiliment li jkollhom aċċess għall-kuntratti pubbliċi.

45. Nixtieq nenfasizza li dan l-obbligu jillimita l-aċċess għall-kuntratti pubbliċi anki jekk ma huwiex iddefinit bħala kriterju ta' selezzjoni tal-operaturi ekonomiċi u jekk il-fatt li wieħed ikollu stabbiliment huwa indispensabbli biss fl-istadju tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

46. Fuq dan il-punt ma naqbilx mal-pożizzjoni tad-Departamento de Sanidad li, billi jinvoka s-sentenza Contse *et* [13], isostni li l-obbligu li offerent ikollu stabbiliment fil-post tal-provvista tas-servizzi ma jillimitax l-aċċess għall-kuntratti pubbliċi jekk dan l-obbligu jiġi ddefinit bħala kundizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

47. Infakkar li fil-kawża Contse *et* [14], l-offerenti, sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw f'sejħiet għal offerti għal servizzi tas-saħħa ta' terapiji respiratorji, kellu jkollhom uffiċċju fi provinċja speċifika. Dan ir-rekwiżit kien jikkostitwixxi kriterju ta' selezzjoni applikabbli fil-mument tal-preżentazzjoni tal-offerta u probabbilment ma kienx joħloq problema li kieku kellu jiġi sodisfatt biss fl-istadju tal-provvista tas-servizzi.

48. Madankollu, mis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq jirriżulta b'mod ċar li l-obbligu li offerent ikollu uffiċċju fi provinċja speċifika ma kienx jeħtieġ investiment kbir u li, min-natura tiegħu, seta' jiġi sodisfatt faċilment f'kull mument. Dan ma huwiex il-każ hawnhekk, ġaladarba, bħalma tindika l-qorti tar-rinviju, il-ħolqien ta' infrastruttura ta' sptar f'Bilbao jirrikjedi ħafna żmien u investimenti importanti, li probabbilment ma jkunux vijabbli fid-dawl tal-firxa limitata tas-servizzi kkonċernati mis-sejħiet għal offerti.

49. Fid-dawl tal-obbligu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-aċċess għas-sejħiet għal offerti jinvolvi l-impenn tal-operatur ekonomiku li jwettaq l-investimenti neċessarji għall-provvista tas-servizzi fi stabbilimenti li jinsabu fit-territorju tal-komun ta' Bilbao.

12 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-368/10, EU:C:2012:284, punt 62).

13 — Sentenza Contse *et* (C-234/03, EU:C:2005:644).

14 — *Ibid.*, punti 55 sa 57.

50. Barra minn hekk, ir-rekwiżit marbut mal-ħtieġa li offerent ikollu stabbilimenti fil-komun indikat, minkejja li japplika biss għall-istadju tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, huwa tali li jostakola jew li jagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, hekk kif iggarantit mit-Trattat.

51. Fid-dawl tal-iżviluppi preċedenti, ir-rekwiżit inkwistjoni evidentement jillimita l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi fis-sens tal-Artikoli 2 u 23(2) tad-Direttiva 2004/18.

C – *Fuq il-ġustifikazzjoni minħabba raġunijiet ta' interess ġenerali*

52. Sussegwentement għandu jiġi eżaminat jekk dan ir-rekwiżit jistax jiġi ġġustifikat minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali u jekk huwiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

53. Nixtieq nenfasizza li għalkemm l-obbligu kontenzjuż kien jikkostitwixxi restrizzjoni ġustifikata fir-rigward tal-prinċipji li rriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam ta' restrizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali tas-suq intern, jeħtieġ li jiġi stabbilit ukoll jekk huwiex konformi mal-Artikoli 2 u 23(2) tad-Direttiva 2004/18. Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet jipprojbixxu l-ħolqien ta' "ostakli mhux ġustifikati" għall-ftuħ tal-kuntratti pubbliċi għall-kompetizzjoni.

54. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kriterji użati fil-kuntest tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi għandhom josservaw il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni hekk kif jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat relatati mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Barra minn hekk, ir-restrizzjonijiet għal dan il-prinċipju jistgħu jiġu ġġustifikati jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza fir-rigward ta' din il-libertà [15].

55. Il-miżuri nazzjonali li jistgħu jostakolaw jew jagħmlu inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali għandhom jissodisfaw erba' kundizzjonijiet sabiex ikunu konformi mal-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE: li japplikaw b'mod mhux diskriminatorju, li jkunu ġustifikati minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, li jkunu tali li jiggarantixxu t-twettiq tal-għan segwit u li ma jmorrux lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq [16].

56. Il-konvenuti fil-kawża prinċipali u l-Gvern Spanjol jiġġustifikaw l-obbligu kontenzjuż billi jinvokaw il-ħtieġa li tiġi ggarantita l-kwalità u l-affidabbiltà tas-sistema ta' saħħa pubblika.

57. Il-Gvern Spanjol isostni li l-għan tal-proċeduri inkwistjoni huwa s-sostenn għas-servizzi pubbliċi tas-saħħa fil-qasam tal-interventi kirurġiċi. Peress li dawn huma servizzi essenzjali għall-popolazzjoni, ipprovduti mill-Gvern Bask, ma jidhirx sorprendenti li dan tal-aħħar jiddeċiedi, billi jinvoka raġunijiet ta' interess ġenerali, li jikkonkludi kuntratt ma' operatur privat li għandu ċentru ta' sptar f'Bilbao, fejn tirrisjedi parti importanti mill-popolazzjoni tal-provinċja ta' Vizcaya. Il-kunsiderazzjonijiet marbuta mal-kwalità u mal-affidabbiltà tas-servizzi ta' saħħa pprovduti f'isem l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikunu biżżejjed sabiex jiġġustifikaw tali restrizzjoni għal-libertajiet iggarantiti mit-Trattat.

58. Sabiex jiġi ġustifikat l-obbligu kontenzjuż, id-Departamento de Sanidad jinvoka diffikultajiet marbuta maċ-ċaqlieq minn post għal ieħor tal-kirurgi, tal-pazjenti u ta' qrabathom, u jesponi n-natura radjali tan-netwerk ta' trasport pubbliku taż-żona metropolitana ta' Bilbao kif ukoll l-eżistenza ta' konnessjonijiet ta' trasport diretti bejn din il-belt u lokalitajiet oħra tal-provinċja. Huwa jsostni wkoll li l-għażla tal-aħjar sitwazzjoni ġeografika għal stabbiliment mediku fir-rigward tal-pazjenti hija responsabbiltà tas-servizz pubbliku tas-saħħa.

15 — *Ibid.*, punt 49.

16 — Sentenza Gebhard (C-55/94, EU:C:1995:411, punt 37).

59. Barra minn hekk, id-Departamento de Sanidad jinvoka d-diviżjoni territorjali stabbilita fil-qasam tal-provvista ta' servizzi pubbliċi tas-saħħa. Din id-diviżjoni għandha tinżamm inkluż meta s-sistema ta' saħħa pubblika tirċievi s-sostenn ta' stabbilimenti mediċi privati magħżula fil-kuntest ta' sejħa għal offerti. Fil-każ tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' tali sejħiet għal offerti, il-fatt li s-servizzi għandhom jiġu pprovduti f'żona ta' servizzi tas-saħħa speċifika jikkostitwixxi rekwiżit essenzjali marbut mal-provvista ta' servizzi intiżi li jkunu ta' sostenn għas-servizzi pubbliċi. Id-Departamento de Sanidad jenfasizza li l-isptar li jappartjeni lil Grupo Hospitalario Quirón jinsab f'Erandio u għaldaqstant jinsab f'komun li jaqa' taħt żona ta' servizzi tas-saħħa differenti minn dik tal-isptarijiet ta' Basurto u ta' Galdakao. Il-komun ta' Erandio jinsab fiż-żona ta' attività tal-isptar pubbliku ta' Cruces, li ma tissemmiex fis-sejħiet għal offerti li huma s-suġġett tal-kawża prinċipali.

60. Inqis li dawn l-argumenti ma humiex konvinċenti.

61. Fir-rigward tal-argument tad-Departamento de Sanidad ibbażat fuq id-diviżjoni territorjali tas-servizz pubbliku tas-saħħa, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri ma jistgħux jinvokaw kunsiderazzjonijiet ta' natura amministrattiva biex jiġġustifikaw restrizzjonijiet għal-libertajiet fundamentali [17].

62. F'din il-kawża, ir-riferiment għad-diviżjoni territorjali tas-servizz pubbliku tas-saħħa stabbilit mill-amministrazzjoni għaldaqstant ma jikkostitwixxix argument li jiġġustifika r-restrizzjoni marbuta mal-post tal-provvista tas-servizzi li huma s-suġġett tas-sejħiet għal offerti. Ġustifikazzjoni bħal din għandha tkun ibbażata fuq l-indikazzjoni ta' diffikultajiet prattiċi reali li jirrikjedu li s-servizz jiġi pprovdut fi stabbilimenti ta' kura tas-saħħa li jinsabu f'Bilbao.

63. Bl-istess mod, l-argument tad-Departamento de Sanidad li, kieku s-sejħiet għal offerti kellhom ikunu estiżi għall-istabbilimenti li jinsabu f'komuni oħra, il-konklużjoni ta' kuntratti ma' operaturi privati tista' ssir mingħajr skop, billi l-interventi inkwistjoni jistgħu jsiru fi sptar pubbliku li jaqa' taħt żona oħra ta' servizzi tas-saħħa, mhux imsemmija fis-sejħa għal offerti kontenzjuża, pereżempju fl-isptar ta' Cruces, lanqas ma jikkonvinċini.

64. Id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix il-fatt li d-Departamento de Sanidad jirrikorri għal sptar pubbliku li jinsab f'komun ieħor tal-provinċja. Awtorità pubblika tista' twettaq il-kompiti tagħha ta' interess pubbliku bil-mezzi tagħha stess, mingħajr ma jkollha obbligu titlob l-għajnuna lil entitajiet esterni, u hija tista' tagħmel dan b'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet pubbliċi oħra [18].

65. Madankollu, peress li din l-awtorità qieset li kien meħtieġ li jiġi konkluż kuntratt ma' operatur privat fil-kuntest ta' sejħa għal offerti, hija ma tistax teskludi offerent billi tibbaża ruħha biss fuq id-diviżjoni territorjali amministrattiva tal-attività tal-isptarijiet pubbliċi.

66. Barra minn hekk, fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet marbuta mal-kwalità u mal-affidabbiltà tas-sistema ta' saħħa pubblika, invokati mill-Gvern Spanjol, għandu jiġi rikonoxxut li mingħajr dubju dawn jikkostitwixxu raġuni li tiġġustifika restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

67. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-għan taż-żamma ta' servizz mediku u ta' sptar ekwilibrat, aċċessibbli għal kulħadd u ta' kwalità jista' jirriżulta mid-derogi previsti fl-Artikolu 52 TFUE, sa fejn huwa jikkontribwixxi għat-twettiq ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa [19].

17 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-356/08, EU:C:2009:401, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-480/06, EU:C:2009:357, punt 45).

19 — Ara, fost oħrajn, Kohll (C-158/96, EU:C:1998:171, punti 50 u 51), u Smits u Peerbooms (C-157/99, EU:C:2001:404, punti 73 u 74).

68. Il-lokalizzazzjoni ta' stabbiliment ta' kura tas-saħħa skont il-post ta' residenza tal-pazjent tikkostitwixxi mingħajr dubju element importanti tal-provvista ta' servizzi tas-saħħa. Il-ħtieġa li persuna tiċċaqlaq minn post għal ieħor tagħti lok għal spejjeż addizzjonali (inkluż, fil-każ ta' urġenza, għal riskju għas-saħħa tal-pazjent), għal diffikultajiet għal qrabatu u, f'din il-kawża, għal inkonvenjenti marbuta mal-ħtieġa għall-persunal mediku impjegat mill-isptarijiet pubbliċi li jmur fl-isptar privat fejn għandu jseħħ l-intervent.

69. Fil-fehma tiegħi, ma hemmx dubju li dawn iċ-ċirkustanzi huma tali li jiġġustifikaw limitazzjoni taż-żona ġeografika li fiha għandhom jiġu pprovduti s-servizzi tas-saħħa li huma s-suġġett tas-sejħiet għal offerti.

70. Madankollu, ir-restrizzjoni li tirrigwarda l-post ta' provvista tas-servizzi għandha tkun konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità u, għaldaqstant, għandha tkun tista' tiggarantixxi t-twettiq tal-għan segwit u ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li hu neċessarju biex tikseb dan l-għan [20].

71. Sabiex ir-restrizzjoni marbuta mal-lokalizzazzjoni tal-istabbilimenti tkun tali li tiggarantixxi t-twettiq tal-għan tal-aċċessibbiltà u tal-kwalità tal-kura tas-saħħa, hija ma għandhiex tkun ibbażata biss fuq id-diviżjoni territorjali amministrattiva. Fil-fatt, ta' spiss din id-diviżjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni l-ispeċifiċità li tirriżulta mil-lokalizzazzjoni tal-istabbilimenti ta' kura tas-saħħa u mill-post ta' residenza tal-pazjenti.

72. Sabiex jiġi ddeterminat il-post ta' provvista tas-servizzi, għandu jittieħed oġġettivament inkunsiderazzjoni l-inkonvenjent marbut mad-distanza li tissepara l-istabbilimenti ta' kura tas-saħħa mal-post ta' residenza tal-pazjenti.

73. Għandu jiġi kkonstatat ukoll li d-distanza li wieħed għandu jkopri biex imur fi stabbiliment ta' kura tas-saħħa jista' jkollha importanza varjabbli skont it-tip ta' servizzi pprovduti. Din id-distanza evidentement għandha importanza fundamentali fil-każ ta' interventi urġenti. Min-naħa l-oħra, fil-każ tal-interventi ppjanifikati, id-diffikultajiet prattiċi marbuta maż-żmien tat-traġitt ma jikkostitwixxux kundizzjoni daqstant importanti tal-provvista tas-servizzi tas-saħħa.

74. Fil-fehma tiegħi, ir-rekwiżit inkwistjoni huwa sproporzjonat, peress li jipprovdi għall-provvista ta' servizzi fil-limiti tal-komun ta' Bilbao hekk kif inhuma ffissati għal finijiet amministrattivi. Dan ir-rekwiżit ma huwa bbażat fuq ebda evalwazzjoni oġġettiva tad-diffikultajiet ta' ċaqlieq lejn l-istabbiliment ta' kura u lanqas ma jieħu inkunsiderazzjoni n-natura tas-servizzi tas-saħħa pprovduti li huma s-suġġett tas-sejħiet għal offerti.

75. In-natura sproporzjonata tar-rekwiżit inkwistjoni hija wkoll żvelata bil-fatt li l-pazjenti kkonċernati – hekk kif tenfasizza l-qorti tar-rinviju – ma jirrisjedux esklużivament fit-territorju tal-komun ta' Bilbao, iżda wkoll f'dak tal-komuni limitrofi u li, fil-każ ta' wieħed mill-kuntratti pubbliċi, l-isptar pubbliku li jibbenefika mis-sostenn tal-istabbilimenti privati huwa l-isptar ta' Galdakao, li jinsab barra mill-komun ta' Bilbao.

76. Id-Departamento de Sanidad u l-Gvern Spanjol isostnu li l-għażla ta' Bilbao bħala post ta' provvista tas-servizzi hija bbażata fuq il-premessa li din il-belt tikkostitwixxi intersezzjoni ta' trasport pubbliku li jippermetti li persuna tmur faċilment lejn Bilbao minn lokalitajiet oħra tal-provinċja.

77. Fil-fehma tiegħi, dan l-argument ma jippermettix, waħdu, li tiġi stabbilita l-proporzjonalità tar-rekwiżit inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

20 — Ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs Spanja (C-158/03, EU:C:2005:642, punt 70), kif ukoll Contse *et* (C-234/03, EU:C:2005:644, punt 41). Għandu jitfakkar li l-kriterju ta' proporzjonalità għandu rwol essenzjali fl-eżami tal-legalità tal-miżuri nazzjonali li jirrestrinġu l-libertajiet tas-suq intern: ara Frąckowiak-Adamska, A., Zasada proporcjonalności jako gwarancja swobód rynku wewnętrznego Wspólnoty Europejskiej, Wolters Kluwer, Varsavja, 2009, sezzjoni 3.1.1.

78. Minn naħa, wieħed ma jistax jeskludi li traġitt miċ-ċentru urban ta' Bilbao lejn sptar privat li jinsab fil-limiti tal-belt joħloq diffikultajiet simili għal dawk li jikkaratterizzaw it-traġitt lejn sptar li jinsab f'komun limitrofu.

79. Min-naħa l-oħra, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li ż-żmien neċessarju sabiex iseħħ it-traġett miċ-ċentru urban ta' Bilbao lejn l-isptar li jappartjeni lir-rikorrenti, li jinsab f'komun limitrofu, ma jikkawżax diffikultajiet kbar. Mit-tweġibiet ipprovduti mill-partijiet waqt is-seduta jirriżulta wkoll li l-kuntratti pubbliċi inkwistjoni għandhom bħala għan servizzi tas-saħħa marbuta ma' interventi ppjanifikati.

80. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tindika li l-kuntratti pubbliċi relatati mal-provvista ta' servizzi tas-saħħa mogħtija fil-passat mid-Departamento de Sanidad ma kinux jipprevedu tali rekwiżit ta' lokalizzazzjoni tal-istabbilimenti u li r-rappreżentant legali tal-awtorità kontraenti ta opinjoni li tirrikkomanda t-tneħħija ta' dan ir-rekwiżit minħabba li diffiċilment ikun kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-operaturi ekonomiċi.

81. Għandu jitfakkar li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi l-fatti u tislet konklużjonijiet minnhom fir-rigward tal-proporzjonalità tar-restrizzjoni.

82. Madankollu, il-fatti deskritti fid-deċiżjoni tar-rinviju jindikaw li t-traġitt sal-isptar li jinsab fil-komun ta' Erandio ma joħloqx diffikultajiet eċċessivi lill-pazjenti u lill-persunal mediku. Dawn il-fatti għaldaqstant iwasslu għall-konklużjoni li r-rekwiżit inkwistjoni huwa sproporzjonat.

83. Hekk kif tenfasizza l-Kummissjoni ġustament fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, għandha tiġi eżaminata wkoll l-eżistenza ta' miżuri inqas restrittivi tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li jippermettu li jintlaħaq l-għan mixtieq.

84. F'dan il-każ, wieħed ma jistax jeskludi li l-interess ġenerali, invokat mid-Departamento de Sanidad u mill-Gvern Spanjol, jista' jiġi ggarantit permezz ta' miżuri inqas restrittivi, bħal pereżempju li jiġi rikjest li l-provvista ta' servizzi sseħħ fl-istabbilimenti ta' kura ta' saħħa li fir-rigward tagħhom l-aċċess mit-trasporti pubbliċi ma jippreżentax diffikultajiet eċċessivi għall-pazjenti u l-persunal mediku. Speċifikazzjonijiet tekniċi ddefiniti b'dan il-mod jistgħu wkoll jipprovdu żmien ta' traġitt indikattiv miċ-ċentru urban ta' Bilbao meqjus bħala raġonevoli għall-awtorità kontraenti.

VI – **Konklużjoni**

85. Fid-dawl tal-iżviluppi preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda magħmula mill-Juzgado de lo Contencioso Administrativo nº 6 de Bilbao (Spanja):

L-Artikoli 2 u 23(2) tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi], jipprekludu li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi relatati ma' kuntratt pubbliku dwar il-provvista ta' servizzi ta' kura tas-saħħa jipprovdu r-rekwiżit li dawn is-servizzi għandhom jiġu pprovduti biss fi stabbilimenti ta' kura tas-saħħa li jinsabu fit-territorju ta' komun speċifiku, meta dan ir-rekwiżit ma jkunx fondat fuq evalwazzjoni oġġettiva tad-diffikultajiet marbuta maċ-ċaqlieq tal-pazjenti minn post għal ieħor, fid-dawl tan-natura tas-servizzi tas-saħħa li huma s-suġġett tal kuntratt pubbliku.